**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 144/23 GG**

**Mark Christopher Westwood (K.I nru 0288117L) u Michelina Luiga maghrufa bhala Michelle Galea (K.I nru 436867M)**

**vs.**

**Daniel Attard (K.I nru 210592M)**

Kawza Nru: 7

Illum 30 t'Ottubru 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Mark Christopher Westwood u Michelina Luiga ippreżentat quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Frar 2023 bis-segwenti premessi u talbiet:

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. L-atturi huma sidien tal-fond ossija dar bin-numru disgħa u tletin (39), Triq San Ġwann Bosco (ġja Triq il-Grigal), l-Isla, dan

bis-saħħa ta' kuntratt ta' bejgħ-u-xiri, magħmul fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja, nhar it-23 t' Ġunju 2015 (**Dok. 'A'**).

2. L-intimat, huwa l-proprjetarju tas-sit adjaċneti ossija fil-fond numru mitejn u ħmistax (215), Triq Iż-Żewġ Mini, l-Isla.

3. Illi l-intimat ta bidu għal xogħolijiet ta' żvilupp fil-proprjetà li tmiss mal-proprjetà tal-atturi.

4. Irriżulta lill-atturi li l-intimat Daniel Attard, ikkuntratta jew wettaq xogħolijiet ta' żvilupp konsistenti f'*inter alia* f'xogħolijiet ta' tħaffir, tħammil, skavar, demolizzjoni, u kostruzzjoni, dejjem in konnessjoni mal-iżvilupp surriferit.

5. Irriżulta wkoll lill-atturi, li x-xogħolijiet ta' eskavazzjoni, tħaffir u tħammil kienu qed isiru viċin ferm u adritittura inċim mal-ħajt tal-proprjetà tal-atturi, bi ksur flagrantanti tar-regola imposta mill-artikolu 439 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta – f'viċin t'inqas minn sitta u sebgħin ċentimetru (76ċm).

6. Illi huwa wkoll preżumibbli illi mhux talli li l-intimat ma rrispettax id-distanza legali, talli addirittura invada l-proprjeta' tal-atturi billi ħammel anke, f'xi partijiet, il-proprjetà tal-atturi.

7. Aktar minn dan, bl-aġir illegali tal-intimat u/jew bl-iżvilupp in ġenerali, ġew kkawżati diversi ħsarat fil-fond, li jappartjenu lill-atturi, apparti danni u spejjeż oħra.

8. Meta ġie debitament anke b'atti ġudizzjarji (**Dok. 'B'**)sabiex, sabiex jobdi l-Liġi, l-intimat ma tax widen, tant li kellu jiġi intavolat mandat ta' inibizzjoni għall-waqfien tax-xogħolijiet fuq is-sit tal-kostruzzjoni, proprjetà tal-intimat.

<u>Raġuni tat-Talba</u>

1. Għaldaqstant, kellha ssir din il-kawża

Talbiet:

**Jgħid għalhekk l-intimat, 'il għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat, m'osservax d-distanza imposta mill-liġi senjatament mill-artikolu 439 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, meta dan wettaq xogħolijiet ta' tħaffir u tħammil u/jew skavar fil-proprjetà aġjaċenti għal dik tal-atturi.

2. Tordna lill-intimat sabiex ma jagħmel, lanqas tramite terzi, l-ebda xogħol ta' tħaffir u tħammil, bi ksur tal-artikolu 439 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex a spejjeż tiegħu, fi żmien qasir u perentorju li jkun iffissat għal dan il-għan, jirrintegra d-distanza legali min mal-ħajt tal-proprjetà tal-atturi, b'okkorrendo bl-intervent u taħt d-direzzjoni ta' periti nominandi.

4. Fin-nuqqas li tali rientegrazzjoni ma tistax issir, tordna u tikkundanna lill-intimat, sabiex iwettaq a spejjeż tiegħu kwasliasi xogħol jew intervent intiż sabiex jerġa' jsaħħaħ is-sottoswol u sabiex jiżgura l-integrita' u s-sigurtà tal-fondamenta de quo u li l-periti nominati minn din l-Onorabbli Qorti sabiex hekk jirrelataw jogħġobhom jirrakomandaw, bil-għan li jiġi żgurat l-istabilità tal-fond tal-esponenti.

5. Illi, alternattivament, kemm-il darba jirriżulta li x-xogħolijiet ta' rintegrazzjoni kif mitluba skont t-talbiet numru tlieta (3) jew numru (4) ma jkunux possibbli, tillikwida okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi, kumpens dovut lill-atturi sabiex jiġu rientegrati fil-konfront tat-tnaqqis fil-patrimonju tar-rikorrenti anke minħabba t-tnaqqis fil-valur tal-proprjetà tagħhom u dan dejjem minħabba n-nuqqas tal-intimat li jħares id-distanzi legali.

6. Tordna lill-intimat iħallas dawk id-danni hekk likwidati kif mitluba skont it-talba preċedenti, fi żmien qasir u perentorju.

7. Tiddikjara u tiddeċiedi, in ogni każ, li l-intimat huwa unikament responsabbli għal-ħsarat u spejjeż oħra sofferti mill-atturi, kif fuq spjegat, b'konsegwenza tal-iżvilupp imwettaq mill-intimat.

8. Tillikkwida, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi, id-danni u l-ispejjeż sofferti mill-atturi konsistenti f'*inter alia*, fi ħsarat strutturali tal-proprjetà tal-atturi li saru b'riżultat tal-iżvilupp imwettaq mill-intimat.

9. Tordna lill-intimat jew min minnhom sabiex iħallas dawk id-danni hekk likwidati mitluba skont it-talbiet preċedenti, fi żmien qasir u perentorju.

10. Tiddikjara u tiddeċiedi, dejjem okkorrendo bl-opera tal-periti nominandi illi l-konvenut invada l-proprjeta' tal-mittenti u dan permezz ta' tħammil fil-proprjeta' oltre l-linja diviżorja, ossija fis-sottoswol tal-istess atturi.

11. Tiddikjara u tiddeċiedi illi tali invażjoni tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-esponenti u kwindi tordna li tali tħammil jiġi rivertit u li kwindi l-atturi għandhom jiġu reintegrati fi ħwejjiġhom.

12. Alternattivament u f'każ li tali invażjoni kif deskritta fit-talbiet għaxra (10) u ħdax (11) ma tistax tiġi reintegrata illi tiddikjara lill-intimat possibbli għad-danni konsegwenti, tillikwida l-istess u kwindi tikkundanna lill-istess intimat iħallas id-danni hekk ikkaġunati lill-atturi.

13. Tagħti kwalsiasi ordni oħra sabiex tiġi żgurata l-effettivita' tas-suespost, inkluż dawk l-ordnijeit kollha meħtieġa sabiex jerġa' jsaħħaħ is-sottoswol u sabiex jiżgura l-integrita' u s-sigurtà tal-proprjetà tal-atturi, dan a spejjez tal-konvenut Attard.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju numru rif. 391/2022 kontra l-intimat li jinsab min issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Daniel Attard; ippreżentata quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Gunju 2023 li biha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

Illi preliminarjament, qed tigu sollevata n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti razzione materie u dan stante li skont ir-regolament 20 tal-ligi sussidjarja 623.06, din il-materja kellha tiġi sottomessa lic-Centru Malti ghall-Arbitragg.

Illi preliminarjament ukoll u minghajr preġudizzju, qed tiġi sollevata n-nullita' tar-rikors ġuramentat u dan stante li l-atturi qed jittantaw jaghmlu żewġ azzjonijiet f'wahda ossia kawża taht l-artikolu 439 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u azzjoni distinta ohra ta' *actio rei vedicatoria* fejn l-atturi qed jallegaw li l-konvenut invada l-propjeta' taghhom. Dan qed jiġi eccepit in omagg tal-principju ta' *electa una via, non datur recursus ad alteram.*

Illi minghajr preġudizzju u fil-mertu t-talbiet kollha tar-rikorrenti relattivi ghall-artikolu 439 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez u dan stante li ma jissustwux l-elementi sabiex tirnexxi azzjoni taht dan l-artikolu.

Illi in effetti, l-esponent ezegwixxa x-xoghol skont il-'Gwida ta' Prattika Tajba ghal Xoghol b'Bini Ezistenti' tal-Awtorita' ghas-sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-Xoghol (OHSA) u l-uniku

xoghol li sar li jmiss mal-hajt diviżorju ta' bejn il-kontendenti huwa t-tnehhija ta' hama, drenaġġ u terrapien li kien hemm mirdum taht il-kcina tal-esponent. Illi ghalhekk il-konvenut mhu responsabbli ghall-ebda danni.

Illi b'referenza ghat-tielet talba, din ghandha tiġi michuda stante li n-non-osservanza tal-Artikolu 439 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta taghti lok biss ghal danni u rimedjar tal-hsara li tkun saret, u mhux rintegrazzjoni tad-distanza legali. F'dan il-kaz la kien hemm non-osservanza tal-Artikolu citat u wisq anqas ġiet ikkawżata hsara.

Illi l-atturi ma soffrew l-ebda danni u fi kwalunkwe kaz, kwalsiasi danni minnhom pretizi qed jiġu kontestati u jridu jiġu pprovati se mai skont il-ligi.

Illi b'referenza ghall-ghaxar, hdax, u tnax-il talba, il-konvenut ma nvada bl-ebda mod il-propjeta' tal-atturi u kwindi dawn ghandhom jiġu michuda ukoll.

Illi tlettax-il talba ghandha tiġi michuda ukoll u dan stante li bix-xogholijiet eżegwiti ma ġiet bl-ebda mod affettwata l-intergrita' u s-sigurta' tal-proprjeta' tal-atturi.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ta' natura preliminari mressqa mill-konvenut bil-premessa ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* u nullita' kawza li l-atturi ressqu zewg azzjonijiet f'wahda;

**Fatti**:

2. Il-fatti mgharufa lill-Qorti sa dan l-istadju huma dawk kif emergenti mir-rikors promutur senjatament illi l-intimat imbarka fuq xoghol ta' zvilupp fil-proprjeta' tieghu b'dan illi allegatament mhux biss haffer u hammel f'distanza ta' anqas minn dik stabilita mill-ligi ta' sitta u sebghin centimentru izda ukoll hammel taht il-hajt divizorju u kkawza hsarat fl-istess hajt. L-atturi ghalhekk qed ifittxu diversi rimedji fosthom li jitwaqqaf ix-xoghol, ikun riprestinat il-jedd taghhom fuq il-proprjeta' u jkunu rizarciti ghat-tehid tal-parti mehuda;

**L-ewwel eccezzjoni**:

3. B'din l-ewwel eccezzjoni, l-konvenut jallega nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti fuq il-motivazzjoni li l-procedura kellha tkun intavolata quddiem ic-Centru Malti Ghall-Arbitragg skond ir-regolament 20 tal-Ligi Sussidjarja 623.06;

> 20. (1) L-iżviluppatur għandu jieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex jiżgura li l-attività ta' kostruzzjoni ma tirriżultax fi ħsara lil proprjetajiet kontigwi, inkluża ħsara li tista' tirriżulta mill-infiltrazzjoni tal-ilma.
>
> (2) Kull kwistjoni li tinqala' rigward kostruzzjoni ta' bini li ma tkunx relatata ma' talba dwar korriment personali, li tkun kwistjoni li toħroġ minn ħsara lil proprjetà ta' terzi persuni li tirriżulta minn

> attività ta' kostruzzjoni fuq sit kontigwu għandha tiġi riferita għallarbitraġġ. Ir-regoli li jinsabu fl-Att dwar l-Arbitraġġ jew magħmula taħtu relatati ma' arbitraġġ mandatorju għandhom japplikaw: B'dan illi: (a) l-ħsara mġarrba minn terzi persuni ma ddgħajjifx listabbiltà tal-proprjetà tiegħu jew tipperikola lil min jużaha; jew (b) l-ispiża tal-ħsara li tkun qed tiġi mitluba minn terzi persuni ma teċċedix il-miljun euro (€1,000,000)

4. Minn dan il-provvediment jidher minnufih illi d-disposizzjoni arbitrali hija konfinata ghal hsarat fi proprjeta' ta' terzi liema hsarat ma jgibux instabilita' fl-istruttura. Ezaminata minn din l-ottika, l-kwistjoni odjern taqa' 'l hinn minn dawn il-parametri ghaliex r-rikorrenti adew lil din il-Qorti b'talbiet mhux biss ghat-treggiegh lura jew risarciment kawza ta' hsarat izda ukoll ghall-ripristinazzjoni tad-distanza ta' 76 centimetru li l-garr obligat ihalli fit-termini tal-artikolu 439 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ben akkolt fil-gurisprudenza illi fi kwistjonijiet ta' kompetenza tal-qrati, disposizzjonijiet bhal dik in disamina jehtieg li jinghataw interpretazzjoni ristretta;

5. In kwantu hekk, il-Qorti ssib utili dak ritenut fis-sentenza l-aktar ricenti tal-Qorti tal-Appell meta trattat kwistjoni konsimili fil-kawza fl-ismiiet **Raymond Grech u Maria Hilda Grech v. Elzan Properties Limited et** [1]:

> 49. Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi huwa miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li l-kwistjoni dwar il-kompetenza *ratione materiae* hija ta' ordni pubbliku li l-qorti nnifisha tista' saħansitra tqajjem minn rajha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-12 ta' Jannar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Galea v. Anthony R. Pisani**) u jmissha tkun determinata u deċiża b'kap għaliha taħt piena ta' nullità (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-31 ta' Ottubru, 2008 fil-kawża fl-ismijiet **Evelyn Busuttil v. Frances Borg**), imqar jekk ukoll fis-sentenza aħħarija (**Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

[1] App Sup Rik 115/2022/1BS tat-3 t'Ottubru, 2024;

50. Illi hekk kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2024 fl-ismijiet **Pierre Darmanin v. Dr Rachel Dalli Tua et**,

> *«Huwa prinċipju aċċettat li l-qrati ċivili fil-kompetenza ordinarja tagħhom għandhom is-setgħa li jisimgħu u jaqtgħu dwar kull kwistjoni ta' għamla ċivili, sakemm is-setgħa dwar dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet mogħtija lil tribunal speċjali b'liġi apposta (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-28 ta' Ottubru, 1994 fil-kawża fl-ismijiet* ***Angelo Attard v. Gianmarì Attard****). Fi kliem ieħor, il-qrati ċivili għandhom is-setgħa li jiddeċiedu kull materja ta' natura ċivili sakemm din ma tkunx riżervata b'liġi miktuba lil xi tribunal jew bord speċjali (ara* ***Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Zarb noe et****, deċiża millQorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 1952 u* ***Saviour Mifsud et v. Alfred Lucia et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-14 ta' Lulju, 2004; kif ukoll, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' April, 2023 fil-kawża flismijiet* ***Raymond Cassar v. Montekristo Vineyards Limited)****. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll, li jekk is-setgħa tal-Qorti toħroġ minn imqar waħda mit-talbiet tal-atturi, allura xejn ma jkun jiswa li fit-talbiet l-oħrajn, meħuda individwalment, il-kompetenza tkun dik tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata (****Vincenzo Carabott et v. Avukat Dottor John Gouder et noe*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 1951 u* ***Albert Mamo et v. Rosalina Zammit*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar, 2001)* ].»

51.Fi kwistjoni bħal din, il-Qorti jeħtiġilha tara illi fl-ewwel lok għandha tiġi determinata n-natura tal-azzjoni li għandha quddiemha. Huwa fatt li n-natura ta' azzjoni tiddependi mill-għażla tal-parti li tibdiha, u hija determinabbli mis-sura ta' talbiet li dik il-parti tkun tathom (ara **Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et** (mhix pubblikata) deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1997). B'mod partikolari, il-kompetenza ma tiddependix fuq iż-żmien meta ssir it-talba iżda fuq il-materja tat-talba (ara **Rev. David Morris noe v. Avukat Rachel Bonello et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2009).

52. Sfiq ma' dan, huwa rilevanti dak li tenniet il-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April, 2016 fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **George Micallef v. Anthony Grima et**: «L-indoli tal-azzjoni tiġi deżunta mhux tant mill-kliem più o meno eżatti tal-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għaliha huwa intiż il-ġudizzju [**Vol.XXXIV.III.746**].» Kif ukoll, il-Qorti kompliet tgħid li: «Biex tiġi fissata n-natura vera tal-azzjoni li tiġi eżerċitata wieħed irid iħares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment ġie mitlub biċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta [**Vol.lXXXV.II.776**]» (ara s-sentenza tal-Appell tas-27 ta' Frar, 2015 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Scicluna et v. Angelo Scicluna**).

53. L-imsemmija regola ewlenija hija komplimentata bl-oħra fejn jingħad li l-kwistjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jingħad fl-azzjoni attrici, imma wkoll minn dak li jressaq l-imħarrek bħala eċċezzjoni (ara **World Marketing Ltd. v. Information Technology Services Ltd** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' April, 2003 u Joseph Chetcuti Ganado et v. Awtorità tal-Artijiet deċiża mill-Qorti talAppell fit-18 ta' Ġunju, 2024).

54. B'żieda ma' dan, huwa prinċipju elementari imma fundamentali li meta titqanqal kontestazzjoni dwar jekk Qorti li quddiemha titressaq kawża għandhiex il-kompetenza li tismagħha, hija dik il-Qorti li għandha tistħarreġ u tiddeċiedi dwar eċċezzjoni bħal dik fl-aspetti kollha tagħha. (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' April, 2016 fl-ismijiet **Diomede sive Amadeo Cassar v. Professur Juanito Camilleri et**).

55. Meta dawn il-prinċipji u tagħlim ġurisprudenzjali jitħaddmu għall-kaz tagħna, dawn iwasslu għall-konklużjoni waħda, ċjoè li l-argumenti mressqa mill-konvenuti appellanti mhumiex siewja.

56. Ibda biex, l-appellanti jilmentaw li l-eċċezzjoni tagħhom ma kinitx imsejsa fuq ir-Regolament 20(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06 imsemmi mill-Ewwel Qorti u jgħidu li fi kwalunkwe każ dan ma japplikax. L-appellati jaqblu li dan ir-regolament ma japplikax għall-każ tal-lum. Bħala fatt, mill-atti mkien ma rriżulta li l-appellanti rreferew għar-regolamenti li jsemmu fir-rikors tal-appell quddiem l-Ewwel Qorti. Kemm hu hekk, l-Ewwel Qorti kkummentat li l-appellanti ma rreferew għall-ebda dispożizzjoni bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tagħhom. …

.../...

59. Issa verament l-Ewwel Qorti sejset l-argument tagħha fuq ir-Regolament 20(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06, ċjoè fuq waħda mill-eċċezzjonijiet li tissemma però dan ma jfissirx li l-konklużjoni li waslet għaliha mhux tajba. Interessanti wkoll dak li jipprovdi s-subinċiż (5) tar-Regolament 6,

> «Jekk deċiżjoni ta' qorti tal-ġustizzja jew arbitraġġ tillikwida danni kontra żviluppatur, il-garanzija għandha tiġi ċeduta favur id-Direttur, li minn naħa tiegħu, taħt l-ordni tal-qorti jew skont id-deċiżjoni tal-arbitraġġ, għandu jagħmel pagament lil kull parti li lilha jiġu akkordati danni skont is-sentenza tal-qorti jew id-deċiżjoni tal-arbitraġġ.»

60. Dan is-subinċiż fih innifsu jxejjen l-argument li lex specialis derogat lex generalis imressqa mill-appellanti. Hija l-istess leġislazzjoni li qiegħda App. Ċiv. 115/2022/1 Paġna 29 minn 33 tipprovdi li l-kompetenza tal-Qorti Ċivili mhix awtomatikament eskluża kif argumentat mill-appellanti.

6. Il-Qorti hasset li kellha ticcita parti sostanzjali minn din is-sentenza ghaliex tqis li tiswa ghall-kunsiderazzjonijiet dwar l-eccezzjoni in disamina b'mod allura li tista' tikkonkludi li la darba r-regolament 20(2) huwa limitat ghall-kwistjonijiet ta' hsara f'siti kontigwi u la darba l-azzjoni ntentata tmur 'l hinn minn hekk, anke jekk tinkludi kwistjoni ta' hsarat, allura l-kompetenza ordinarja ta' din il-Qorti tibqa' mhix mittiefsa. Konsegwentement l-ewwel eccezzjoni qed tkun michuda;

**It-tieni eccezzjoni**:

7. Il-konvenut ulterjorment jecepixxi n-nullita' tal-azzjoni din id-darba fuq il-premessa li l-atturi qed iressqu zewg azzjonijiet f'wahda minkejja li dawn huma distinti minn xulxin. Qabel xejn, tajjeb li ssir l-osservazzjoni li l-konvenut ma ghamel l-ebda referenza ghal xi azzjoni ohra quddiem din il-Qorti jew Tribunal mressqa kontra tieghu mill-istess atturi. Dan qed jinghad ghaliex l-eccezzjoni

*electa una via, non datur recursus ad alteram*, anke jekk fil-gurisprudenza insibu li hija holqien guridprudenzjali, solitament tinghata fejn attur jkun agixxa kontra l-parti konvenuta b'aktar minn azzjoni wahda ta' natura diversa, jigifieri permezz ta' aktar minn kawza wahda jew b'kawza wahda b'zewg azzjonijiet gudizjarji ta' natura ghall-kollox differenti l-wahda mill-ohra. Il-Qorti ssib utili dak ritenut fis-sentenza **Salvatore Cutajar v Leonard u Mary Carmen *sive* Marika konjugi Polidano**[2] li fiha kien traccat l-origini ta' din l-eccezzjoni u s-siwi taghha:

20. Illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti hija bażata fuq il-prinċipju ta' electa una via non datur recursus ad alteram, u wkoll issib il-bażi tagħha fuq il-kawża bin-numru 42/2016.

21. Dan il-prinċipju, li huwa mnissel mill-ġuristi rumani, hu mibni fuq il-ħsieb li meta persuna tagħżel rimedju miftuħ għaliha, hija ma tkunx tista' sussegwentement tappilja ruħha ma' xi rimedju ieħor li seta' kellha, billi dan ikun ġie estint mal-għażla tagħha. Fil-perjodu tad-Dritt modern, diversi ġuristi kienu ttemperaw dan il-prinċipju fis-sens illi l-għażla ta' rimedju wieħed testingwi kull rimedju ieħor alternattiv biss fejn ir-rimedju magħżul ikun inkompatibbli mar-rimedji l-oħrajn disponibbli. Dan fis-sens illi persuna setgħet tagħżel li taġixxi għall-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni b'azzjoni waħda, biex imbagħad iċċedi jew tirrinunzja għal dik l-azzjoni u tressaq azzjoni oħra għax-xoljiment, b'dan li anke f'tali ċirkostanza, iż-żewġ azzjonijiet ma jistgħux jikkoeżistu u waħda minnhom trid tiġi rtirata37 . Il-ġurisprudenza tagħna qieset illi din il-bidla fl-għażla ta' l-azzjoni tista' biss issir sakemm ma jintervjenix ġudikat fuq waħda mill-azzjonijiet38:

Illi l-prinċipju tal-"Electa una via", li mhux miktub f'termini ġenerali u pożittivi f'ebda liġi, sew antika sew ġdida, ġie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bħala konsegwenza ta' ħafna testi partikulari, li kienu assumewh

---

[2] PA 323/2019 MS – 18/10/2024

bħala regola ta' dak li kien ġie dispost minnhom. Skond dawn l-istess testi differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman ħolqu l-prinċipju li fil-konkors alternattiv ta' ħafna azzjonijiet, l-eżerċizzju ta' waħda minnhom tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-oħra. Infatti, il-Brunemann, fl-opra tiegħu "Commentarius in Codicem", meta jitkellem fuq il- "Lex Manifestissimi", numru 22, taħt il-kap u titolu "De furtis et servo corrupto" (ara Tomo Primus, paġ. 716 u 717, para. 5, edizzjoni Laurenti ex typis Fratrum Rossi sumptibus editorum, 1839) isostni :- "In concorsu actionem alternativarum, si actio semel in judicium est deducta, statim submovetur altera" (ara wkoll Helliġ, in Donell lib. 21, c. 3, lit. D); …
Issa, f'din il-materja hu ġeneralment ammess li l-fatt li lkontraent jaġixxi, l-ewwel, għall-eżekuzzjoni, ma jipprekludiehx li, mbgħad, jippromwovi l-istanza għarriżoluzzjoni; u vice versa. Għalkemm f'ċerti każijiet l-inkompatibilità bejn domanda u oħra tista' ġġib ir-reċess minn waħda minnhom (Kollezz. Vol. VI, p.316), eppure, f'dan il-każ ta' inadempjenza il-maġġoranza tal-awturi ma ssibx din l-inkompatibilità, bħala massima. Jgħid il-Giorgi (Teor. Obbligaz. Vol.IV, p.246) :- "Quantunque il diritto romano in tema di patto commissorio esplicito decidesse che 'electa una via non datur recursus ad alteram', oggi giorno dottrina e giurisprudenza vanno quasi unanimemente in contraria sentenza, tanto nel senso che possa sperimentarsi l'azione risolutoria dopo aver già domandato l'adempimento del contratto, quanto nel senso che possa domandarsi l'adempimento dopo aver chiesto la risoluzione";

Dan l-awtur jiċċita in nota diversi skritturi awtorevoli li huma ta' din l-opinjoni, għalkemm hemm xi uħud kuntrarji; 37 Ara Ricci, Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.VI, §123. 38 Emmanuele Scicluna vs. Avukat Dr. Spiridione Camilleri noe, Appell, 19/1/1959 – Kollezz. Vol.XLIII.i.55. Kwantu għall-ġurisprudenza, ara wkoll f'dan is-sens, ċjoè konformi għall-maġġoranza tal-awturi, Fadda (loc. cit. para. 890, 891, 896 u oħrajn);

Iżda d-dottrina u l-ġurisprudenza huma wkoll konkordi li ma hemmx lok aktar għal din ix-xelta, ossia ozzjoni, tal-kontraent, jekk fuq l-azzjoni l-ewwel magħżula 'jkun intervjena ġudikat favorevoli għalieh bejnu u l-kontraent l-

ieħor; għax allura jidħol l-element tal-preġudizzju talkontraent l-ieħor, in kwantu dan jitlef il-pożizzjoni stabilita bil-ġudikat (ara, kwantu għall-preġudizzju tal-kontraent l-ieħor, Vol. IV, p.64 in fondo, Kollez.). L-ozzjoni, għalhekk, hemm lok għaliha waqt li l-kawża tal-ewwel tkun għadha miexja, imma mhux wara li tkun ġiet maqtugħa b'sentenza li tkun għaddiet ġudikat. 'Alla domanda iniziale di esecuzione del contratto contro la parte inadempiente può sempre sostituirsi in progresso di causa la domanda di risoluzione' (para. 892 Fadda, loc. cit.). U fis-sentenzi ċitati fil-para. 905 u 911, ibidem, jingħad li 'basta ma jkunx intervjena ġudikat, u basta li l-ewwel azzjoni ma tkunx eżawrita' (para.915)

-----------------------

37 Ara **Ricci**, Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.VI, §123.

38 **Emmanuele Scicluna vs. Avukat Dr. Spiridione Camilleri noe,** Appell, 19/1/1959 – Kollezz. Vol.XLIII.i.55

8. Tajjeb ukoll li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Louis Vincenti et vs Maria sive May Herrera et**[3] li ukoll tispjega b'mod car dan il-principju b'mod allura li din il-Qorti tista' b'konvinciment tikkonkludi illi din l-eccezzjoni ma tistax tkun milqugha. Minghajr ma tidhol fil-mertu, l-Qorti tara illi bl-azzjoni in disamina, l-atturi qed ifittxu rimedju sabiex tkun riprestinata dik id-distanza stiputlata bl-artikolu 439 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod alternattiv azzjoni ta' rivendica. Ezaminati l-artikoli 789 (eccezzjoni ta' nullita') u 156 (x'ghandu jkun fih ir-rikors guramentat) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi r-rikors guramentat in disamina ma jippekkax bil-mod kif suggerit mill-konvenut b'dan illi l-azzjonijiet hemm intentati huma komplimentari ghall-xulxin anke jekk impostati b'mod alternattiv. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun michuda.

[3] App 237/2018LM – 15.7.2020

**Decide**

**Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ecezzjonijiet enumerati wiehed u tnejn fir-risposta guramentata tal-konvenut qed ikunu michuda bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali.**

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

Nicole Cini
Deputat Reġistratur